C/2025/3466

27.6.2025

Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-23 ta'April 2025

relatat ma' deċiżjoni skont l-Artikoli 29(1)(a), 30(1)(a), u 31(1)(h), tar-Regolament (UE) 2022/1925

(Il-każ dma.100055 — META — L-ARTIKOLU 5(2))

(NOTIFIKAT BID-DOKUMENT C(2025) 2091)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2025/3466)

Tat-23 ta' April 2025, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikoli 29(1)(a), 30(1)(a), u 31(1)(h), tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925. [1] *F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-Deċiżjoni, wara li qieset l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.*

1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni ta' nuqqas ta' konformità (id-"Deċiżjoni") tistabbilixxi s-sejba tal-Kummissjoni li l-mudell ta' reklamar "Kunsens jew Ħlas" implimentat minn Meta Platforms, Inc. ("Meta") fl-Unjoni ma jikkonformax mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925 fir-rigward tal-kombinazzjoni tad-data personali tal-utenti finali tagħha mis-Servizzi Ewlenin tal-Pjattaforma ("CPSs") mhux reklami ta' Meta u servizzi distinti (imsejħa b'mod konġunt "Servizzi ta' Meta mhux reklami"), inkluż, iżda mhux limitat għal, is-CPSs tan-Netwerking Soċjali Online ("OSN") tagħha Facebook u Instagram, is-Servizzi ta' Komunikazzjoni Interpersronali Indipendenti min-Numri ("NIICS") tagħha, is-CPS Messenger, is-servizz tal-intermedjazzjoni online ("OIS") tagħha, is-CPS Marketplace, u s-servizzi distinti tagħha tal-innamrar u l-logħob Dating u Gaming Play, kif ukoll id-data personali tagħhom miksuba minn partijiet terzi, minn naħa waħda, mad-data fis-servizz ta' reklamar online ("OAS") ta' Meta, is-CPS Meta Ads, min-naħa l-oħra, għall-fini tat-twassil ta' reklamar personalizzat.

(2) B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni timponi multa fuq Meta, kif ukoll pagamenti perjodiċi potenzjali ta' penali jekk Meta tonqos milli tikkonforma mal-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija stabbilita fid-Deċiżjoni.

2. IL-KUNTEST LEGALI

(3) L-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/1925, jipprojbixxi gwardjan milli:

(a) jipproċessa, għall-fini tal-forniment ta' servizzi ta' reklamar online, data personali tal-utenti finali li jużaw servizzi ta' partijiet terzi li jagħmlu użu minn CPSs tal-gwardjan;

(b) jikkombina data personali mis-CPS rilevanti ma' data personali minn kwalunkwe CPSs oħra jew minn kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-gwardjan jew ma' data personali minn servizzi ta' partijiet terzi; kif ukoll

(c) l-użu inkroċjat ta' data personali mis-CPS rilevanti f'servizzi oħra pprovduti separatament mill-gwardjan, inklużi CPSs oħra, u viċi versa;

[1] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali, "DMA") (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).

(4) Madankollu, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925 jindika li l-projbizzjoni ta' dawn l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data (imsejħa b'mod konġunt "kombinazzjoni") ma tapplikax meta jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi:

(i) il-gwardjan ippreżenta lill-utent finali l-***għażla speċifika*** li jikkombina d-data personali tiegħu fis-CPSs tiegħu u f'servizzi distinti. Tali għażla speċifika tirrikjedi li l-utent finali jiġi offrut alternattiva inqas personalizzata iżda ekwivalenti għas-servizz tal-gwardjan li għalih ikun meħtieġ il-kunsens għall-kombinazzjoni tad-data; kif ukoll

(ii) l-utent finali jkun ta l-***kunsens validu*** tiegħu għal tali kombinazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(11) u 7 tar-Regolament (UE) 2016/679 ([2]).

3. IL-MUDELL TAR-REKLAMAR TA' META "KUNSENS JEW ĦLAS'

(5) Is-servizzi primarji mhux reklami ta' Meta huma Facebook u Instagram. Fuq dawk is-servizzi, Meta toffri lill-utenti finali l-possibbiltà li jippowstjaw u jikkunsmaw kontenut organiku. Barra minn hekk, fl-ambjent ta' Facebook, l-utenti finali jistgħu jużaw diversi servizzi oħra, bħal Marketplace, Messenger, Gaming Play u Dating. L-utenti finali jistgħu jaċċessaw is-Servizzi mhux reklami ta' Meta permezz tal-kontijiet tagħhom ta' Facebook u/jew ta' Instagram.

(6) Permezz tas-servizz tar-reklami tagħha, Meta turi reklami personalizzati fuq il-pjattaformi tagħha. Biex tagħmel dan, Meta tikkombina d-data personali kollha li tiġbor mill-utenti finali tagħha u minn xi siti web ta' partijiet terzi, ma' data personali li tiġbor mingħand l-utenti finali li jinteraġixxu mas-servizz tar-reklami tagħha.

(7) Biex tikkonforma mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925, f'Novembru 2023 Meta introduċiet mudell ta' reklamar "Kunsens jew Ħlas" għall-utenti finali tal-ambjenti ta' Facebook u Instagram fl-UE, li jippreżentahom b'żewġ għażliet:

(a) l-**għażla Bir-Reklami:** l-użu tal-pjattaformi tan-network soċjali ta' Meta mingħajr ħlas iżda b'reklami kompletament personalizzati, fejn l-utenti huma meħtieġa jagħtu l-kunsens tagħhom għall-kombinazzjoni tad-data personali tagħhom għall-fini ta' reklamar personalizzat;

jew

(b) **l-opzjoni tal-Abbonament għal Ebda Reklami ("SNA"):** l-użu tal-pjattaformi tan-network soċjali ta' Meta mingħajr reklami iżda bi ħlas ta' abbonament, jekk l-utenti finali ma jkunux iridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-kombinazzjoni tad-data personali tagħhom għall-fini ta' reklamar personalizzat.

4. PROĊEDURA

(8) Fil-5 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li taħtar lil Meta bħala gwardjan skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925 ([3]). Mis-7 ta' Marzu 2024, Meta kellha tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fid-DMA, b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tas-CPSs dežinjati.

(9) Il-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" huwa deskritt fir-rapport ta' konformità ta' Meta sottomess lill-Kummissjoni fis-6 ta' Marzu 2024.

(10) Fil-25 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2024) 2052 li tiftaħ proċedimenti skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925 fir-rigward tal-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" bil-ħsieb tal-adozzjoni possibbli ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 29, 30 u 31 tar-Regolament (UE) 2022/1925 ([4]).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, "GDPR") (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni C(2023)6105 final, ĠU C, C/2023/1092, 23.11.2023.

([4]) Id-Deċiżjoni C(2024) 2052 final.

(11) Fl-1 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ikkomunikat is-Sejbiet Preliminari tagħha lil Meta skont l-Artikolu 29(3) u 34 (1) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925, li fihom infurmat lil Meta dwar il-konklużjoni preliminari tagħha li l-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Fil-5 ta' Awwissu 2024, Meta wieġbet is-Sejbiet Preliminari u kkontestat il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni.

(12) Mis-6 ta' Marzu 2024 u matul l-investigazzjoni, Meta ddiskutiet mal-Kummissjoni l-introduzzjoni potenzjali ta' offerta ta' reklamar alternattiv fi ħdan il-mudell ta' reklamar "Kunsens jew Ħlas" tagħha bħala parti mis-soluzzjoni ta' konformità ġenerali tagħha mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Fit-12 ta' Novembru 2024, wara evoluzzjoni sostanzjali tal-mudell, Meta nediet opzjoni addizzjonali "mingħajr ħlas" (l- "għażla ta' Reklami Addizzjonali") għall-utenti finali tagħha li ma jridux jagħtu l-kunsens tagħhom għal kombinazzjoni sħiħa ta' data għal reklami mmirati.

(13) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss il-mudell ta' reklamar oriġinali ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" għall-perjodu ta' żmien minn Marzu sa Novembru 2024. Din il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Kummissjoni li tinvestiga l-għażla ta' Reklami Addizzjonali ta' Meta u li tivvaluta l-konformità tagħha mar-Regolament (UE) 2022/1925 fi stadju aktar tard.

(14) F'konformità mal-Artikoli 29 u 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925, il-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali ġie kkonsultat u ta l-opinjoni pożittiva tiegħu fit-22 ta' April 2025.

5. **IL-VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

(15) Abbażi tal-evidenza miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, wara li rrispettat l-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data tal-Irlanda u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" ma jikkonformax mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925 sal-punt li: (i) dan il-mudell ma jippreżentax lill-utenti finali tal-pjattaformi tan-network soċjali ta' Meta bl-għażla speċifika ta' alternattiva inqas personalizzata iżda ekwivalenti; u (ii) il-konfigurazzjoni ta' dan il-mudell ma tippermettix lill-utenti finali jagħtu kunsens liberu għall-kombinazzjoni tad-data personali tagħhom għall-fini ta' reklamar personalizzat. Il-Kummissjoni bbażat il-konklużjoni tagħha fuq dawn ir-raġunijiet.

(16) *L-ewwel nett*, il-Kummissjoni tqis li l-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" jonqos milli jippreżenta lill-utenti finali tal-pjattaformi tan-network soċjali ta' Meta l-"għażla speċifika" ta' alternattiva inqas personalizzata, iżda ekwivalenti għall-għażla Bir-Reklami minħabba li ż-żewġ għażliet juru kundizzjonijiet differenti ta' aċċess. Barra minn hekk, Meta setgħet raġonevolment tistenna, u kienet taf, li l-mudell ta' reklamar tagħha "Kunsens jew Ħlas" kien se jwassal lill-biċċa l-kbira tal-utenti finali tagħha biex jagħżlu l-għażla mingħajr ħlas Bir-Reklami minħabba tali nuqqas ta' ekwivalenza.

(17) *It-tieni*, il-Kummissjoni tqis li l-konfigurazzjoni tal-mudell ta' reklamar "Kunsens jew Ħlas" ta' Meta ma tiżgurax li l-utenti finali jagħtu l-kunsens tagħhom liberament filwaqt li jirrispettaw ir-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 għall-kombinazzjoni tad-data personali tagħhom għall-fini ta' personalizzazzjoni tar-reklami. Dan huwa dovut għal żbilanċ ċar tal-poter bejn Meta u l-utenti finali tas-Servizzi Mhux ta' Reklami tagħha u għad-detriment li l-utenti finali x'aktarx ibatu meta jirrifjutaw li jipprovdu l-kunsens (jiġifieri, billi jkollhom iħallsu tariffa ta' abbonament).

6. **ORDNI TA' WAQFIEN U EBDA TKOMPLIJA**

(18) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tordna lil Meta, skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925, biex ittemm b'mod effettiv in-nuqqas ta' konformità tal-mudell tagħha "Kunsens jew Ħlas" fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika ("ordni ta' waqfien u ebda tkomplija").

(19) Sabiex tikkonforma ma' din l-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija, jeħtieġ li Meta toffri lill-utenti finali tagħha li ma jridux jagħtu l-kunsens tagħhom għall-użu sħiħ tad-data personali għal reklami mmirati alternattiva inqas personalizzata iżda ekwivalenti,

(a) ippreżentata b'mod newtrali u bi flussi tal-għażla li jippermettu lill-utenti finali jagħżlu liberament li jipparteċipaw f'dik l-alternattiva;

(b) li ma tinvolvix l-ipproċessar ta' data personali li hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' għażla speċifika u kunsens tal-utent finali skont l-Artikolu 5(2) tad-DMA; kif ukoll

(c) ekwivalenti għas-servizz għall-utenti li jagħtu l-kunsens, ħlief fir-rigward tal-ammont ta' data personali użata iżda li tinkludi, pereżempju, f'termini ta' prestazzjoni, esperjenza u kundizzjonijiet ta' aċċess, u għaldaqstant mhux ipprovduta bi ħlas.

7. **MULTI U ĦLASIJIET PERJODIĊI TA' PENALI**

(20) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-Deċiżjoni timponi multa ta' EUR 200 000 000 fuq Meta skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 2022/1925. Il-multa imposta ma taqbiżx il-massimu permess ta' 10 % tal-fatturat dinji ta' Meta, kif inhu mandat mir-Regolament (UE) 2022/1925.

(21) Id-Deċiżjoni tindika wkoll li jekk Meta tonqos milli tikkonforma mal-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija, Meta għandha ġġarrab pagament perjodiku ta' penali li ma jaqbiżx il-limitu stipulat mill-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925

(22) Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-għażla ta' Għotjiet Addizzjonali offruta minn Meta mit-12 ta' Novembru 2024, peress li ma jistax jiġi eskluż li din l-għażla l-ġdida għadha ma tikkonformax mad-Deċiżjoni.

8. **KONKLUŻJONI**

(23) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-Deċiżjoni tagħlaq il-proċedimenti billi tikkonkludi li l-mudell ta' reklamar ta' Meta "Kunsens jew Ħlas" mhuwiex konformi mal-Artikolu 5(2), ir-Regolament (UE) Nru 2022/1925, u għal dik ir-raġuni timponi multa. Id-Deċiżjoni timponi wkoll ordni ta' waqfien u ebda tkomplija fuq Meta biex ittemm il-ksur fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika, kif ukoll il-pagament perjodiku potenzjali ta' penali jekk Meta ma tikkonformax mal-ordni.